MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Rikors Numru. 4/2009

**Ridha Mohamed Dardouri (Karta ta' l-Identità bin-Numru 0362798M)**

**Vs**

**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mir-rikorrenti fid-29 ta' Settembru 2009 permezz ta' liema jitlob lil dan it-Tribunal: (a) jiddikjara in linja ta' revizjoni tal-posizzjoni ta' l-Awtorità u l-Ministeru intimati, illi l-importazzjoni f'Malta tal-vettura Audi A6 manifatturata fis-sena 2002 u rregistrata fit-Tunezija nhar l-10 ta' Gunju 2005 bin-numru ta' registrazzjoni RS 85526 ma tissuggettahx ghall-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuqha; (b) jordna lill-Awtorità u l-Ministeru intimati sabiex f'dan il-kaz ma jezigux il-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni in konnessjoni ma' l-istess; u (c) jordna kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun

fic-cirkostanzi; bl-ispejjez tal-procedura kontra l-Awtorità u l-Ministeru intimati;

Ra ir-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema teccepixxi: (a) in linea preliminari n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal *rationae materiae* u dana peress li t-talba kif intavolata mir-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha taht l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta; (b) illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-Awtorità intimata ma hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni ma' l-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' residenza permanenti barra minn Malta tittiehed unikament mill-Ministru responsabbli mill-Finanzi u dana skond ir-Regolament 10 tar-Regoli ta' l-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196/2009) u in oltre l-Awtorità esponenti m' ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni; (c) illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata;

Ra r-Risposta tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment permezz ta' liema jeccepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghaliex: (a) ma giex ippruvat mill-istess rikorrenti li huwa ilu jghix b'mod kontinwu barra minn Malta ghal iktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza tieghu lejn Malta; (b) ir-rikorrenti ma ppruvax li huwa ghamel uzu mill-vettura filwaqt li kienet fil-pussess tieghu ghal anqas minn erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta; u li (c) di più ma giex ippruvat mir-rikorrenti r-ritorn lura tieghu f'Malta mit-Tunezija;

Ra d-dokumenti esebiti mir-rikorrenti u senjatament id-dokumenti Dok. "A" sa' Dok. "K" a fol. 5 sa' 15 tal-process

u d-dokumenti esebiti mir-rikorrenti permezz ta' Nota datata 1 ta' Frar 2011, u ra l-atti l-ohra tal-kaz;

Ra li hemm qbil li nonostante dak dispost fl-Artikoli 3 u 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jista' jghaddi ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal sollevata mill-Awtorità intimata;

Sema' t-trattazzjoni da parte tad-difensur tar-rikorrenti u tad-difensur ta' l-Awtorità intimata dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal;

**Ikkonsidra:**

Il-proceduri odjerni rrizultaw insegwitu ghar-rifjut ta' l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Audi A6 bin-numru tar-registrazzjoni RS 85526 a tenur ta' l-Artikolu 19(3)(i) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rifjut igib id-data tal-25 ta' Awissu 2009[1]. Bl-azzjoni odjerna istitwita fil-konfront ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonommija u l-Investiment ir-rikorrenti jitlob lil dan it-Tribunal jirrivedi tali rifjut u minflok jiddikjara li l-importazzjoni f'Malta tal-vettura imsemmija, manifatturata fis-sena 2002 u registrata fit-Tunezija fl-10 ta' Gunju 2005 bin-numru tar-registrazzjoni RS 85526, ma tissuggettahx ghall-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuqha. In risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti l-Awtorità intimata tressaq l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti kif impostati ma jinkwadrawx ruhom taht l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, liema eccezzjoni qed tigi deciza b'din is-sentenza.

L-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, invokat mill-Awtorità intimata dahal fis-sehh fl-**1 ta' Jannar 2010** kif provdut fl-Avviz Legali 349 ta' l-2009 pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4

[1] Dok. "K" anness mar-Rikors promotur.

ta’ Dicembru 2009. Mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti ipprezenta l-proceduri odjerni fil-konfront ta’ l-Awtorità intimata u tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment fid-**29 ta’ Settembru 2009** u l-istess Awtorità u Ministeru intimati ipprezentaw ir-Risposti taghhom in kontestazzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti fit-**13 ta’ Ottubru 2009** u fis-**16 ta’ Ottubru 2009** rispettivament. Huwa evidenti ghalhekk li dawn il-proceduri gew istitwiti u kontestati **qabel** id-dhul fis-sehh ta’ l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta u konsegwentement l-istess Att ma jistax jitqies applikabbli ghall-kaz in ezami.

B’hekk l-eccezzjoni preliminari ta’ l-Awtorità intimata in kwantu bbazata fuq l-Artikolu 40 ta’ l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta ma tistax tigi milqguha.

Nonostante ciò t-Tribunal hu tal-fehma li xorta wahda ghandu jindaga jekk il-proceduri odjerni istitwiti mir-rikorrenti jaqghux taht il-gurisdizzjoni u kompetenza tieghu o meno. It-Tribunal hu fakoltizzat li jaghmel tali indagini in bazi ghall-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali li kwistjonijiet rigwardanti l-kompetenza jew gurisdizzjoni tal-Qrati, Bordijiet jew Tribunali specjali hi ta’ ordni pubbliku u b’hekk jistghu jigu investigati *ex officio*[2] - ara wkoll sentenza pronuncjata minn dan it-Tribunal illum stess wara r-Rikors fl-ismijiet “David Anthony Pollina noe v. Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta” Rikors Nru. 1/09VG.

It-talba tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vettura ta’ l-ghamla Audi A6 bin-numru tar-registrazzjoni RS 85526 kienet u ghadha bbazata fuq dak dispost fl-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament taht is-subartikolu (3) subparagrafu (i) ta’ dak l-artikolu tal-Ligi. Ir-Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, li dahlu fis-sehh fl-**1 ta’ Jannar 2009**[3], jipprovdu taht ir-Regolament 4(6) li *meta applikazzjoni*

[2] Paul Borg et v. Jane Vassallo, Appell Civili Nru. 782/01 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Dicembru 2003; John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe, Appell Civili 23/99 deciza mill-Bord Li Jirregola l-Kera fit-12 ta’ Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta’ Ottubru 2003.
[3] Avviz Legali 196 ta’ l-2009.

*ghall-ezenzjoni taht din ir-regola* – li tittratta dwar l-ezenzjonijiet mill-hlas ta’ taxxa fuq ir-registrazzjoni fuq vettura ai termini ta’ l-Artikolu 19(3)(i) – *tigi rifjutata, l-applikant jista’* ***jappella quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mid-data meta dik id-decizjoni tigi komunikata lil dik il-persuna***[4].

Huwa ferm car ghalhekk illi fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri l-mertu hawn trattat kien jaqa’ taht il-gurisdizzjoni u kompetenza ta’ dan it-Tribunal u s-sitwazzjoni llum ghadha l-istess u ghalhekk u r-rikorrenti gustament istitwixxa l-proceduri odjerni quddiem dan it-Tribunal.

Jekk kellux ir-rikorrent iharrek ukoll lill-Awtorità intimata – kwistjoni din sollevata mill-istess Awtorità intimata permezz tat-tieni eccezzjoni taghha – hija kwistjoni differenti mill-kwistjoni ta’ gurisdizzjoni u l-kompetenza tat-Tribunal li jikkonsidra il-mertu tal-proceduri odjerni u ghandha tigi deciza wara li jitressqu l-provi u jsiru is-sottomissjonijiet relattivi in meritu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari ta’ l-Awtorità intimata tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni *rationae materiae* tieghu u jiddikjara li l-mertu ta’ dawn il-proceduri jaqa’ taht il-gurisdizzjoni tieghu u b’hekk hu kompetenti li jittratta u jiddeciedi l-kaz in ezami, ghaldaqstant jordna l-prosegwiment tal-kaz.

L-ispejjez relattivi ghal din is-sentenza ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità intimata.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Enfasi tat-Tribunal.